MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2011

Numru. 319/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Carmelo Brincat ta' 55 sena iben il-mejjet Joseph u Dolores nee` Bickle imwieled Msida fit-13 ta' April 1955 u joqghod 'Gatt House', Triq Ridott, Bahar ic-Caghaq, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 3026554(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmelo Brincat li gie akkuzat talli bejn Settembru 2010 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi  u li gew maghmulin fi zminijiet differenti, izda li

jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera xi haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intrapirizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2.329.37), ghad-dannu tal-Awtorita` tad-Djar, ai termini ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'dokumnet mahsub ghal awtorita` pubblika u cioe` l-Awtorita` tad-Djar, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tgha taghrif falz, ai termini ta' l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat

u l-fedina penali tieghu li mhix xi wahda allarmanti, oltre il-fatt li l-imputat ikkoperat mal-puliziaj fil-kors tal-investigazzjoni taghhom

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 308, 309, 310, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonjijiet hawn fuq maghmulha u b’ applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

Finalment wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna lill-imputat ihallas lill-Awtorita tad-Djar is-somma ta’ mitjen u tmiena u erbghin euro u hamsin centezmu (€248.50) fi zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------